MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 113/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Mark Micallef**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 218178(M).

Akkuzat talli:
Fid-29 ta' Marzu 2007, u fil-jiem u gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, ai termini tal-Artikoli **42(a),(b),(d) u 185(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-sub-titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ai terminu tal-Artikolu **121A(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d) u 43 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 121A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jigi assorbit fl-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante l-koperazzjoni bis-shih mill-istess imptuat, u li l-fedina penali tal-istess ghalkemm mhijiex wahda netta pero` ma titrattax fuq reati simili u mhijiex tant li tipprejokkupa lill-Qorti, u li hi sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo. qeghda issib lill-imputat Mark Micallef hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------